MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 152/2008

**C & H Bartoli Limited**

**Vs**

**Michael Mifsud**

## Il-Qorti:-

Rat illi is-socjeta attrici pprezentat rikors fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tlieta (3) t’April 2008 permezz ta’ liema, l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallasha s-somma ta’ hamest elef disgha mija hamsa w tmenin Euro u sebgha u sittin Euro centezmi (€5,985.67) bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8% ) mid-data tal-ahhar *invoice* cioe mill-wiehed u tletin (31) t’Awissu 2006, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta’ *catering equipment* mibjugh u konsenjat lilha skond l-istatement Dok. A hawn unit.

Bl-ispejjes tal-prezenti ittra nterpellatorja tat-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Mejju 2007 (Dok. B unit) u tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju prezentat kontestwalment ma dan l-avviz.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bl-avviz in kwistjoni nhar it-tlieta (3) ta’ Lulju 2008 skond ir-riferti tal-Marixxal Marco Bonnici a fol. 7.

Rat illi fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Gunju 2008 l-konvenut gie msejjah diversi drabi izda baqa ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Semghet lil Anna Antingnolo tixhed fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Gunju 2008 u tikkonferma li d-debitu msemmi fl-avviz ghadu dovut.

Semghet lil konvenut Michael Mifsud fis-seduta ta’ llum l-Erbgha, hamsa w ghoxrin (25) ta’ Gunju 2008 jixhed u jiddikjara li verament ghandu jaghti s-somma msemmija fir-rikors promotorju.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici, ssib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ hamest elef disgha mija hamsa u tmenin Euro u sebgha u sittin Euro centezmi (€5,985.67) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------